# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru ħamsin (50) tal-Kunsill Lokali Mqabba li nżammet nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2010, fil-Bini Amministrattiv, fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku (daħal fit-8.30pm) |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

1. Is-Sindku**, Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. **Il-minuti** tas-seduta preċedenti kienu mibgħuta lill-kunsillieri qabel is-seduta. Dawn kienu korretti, approvati u ffirmati.

3. Is-sindku semma x-**xogħol antiċipat li jsir fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,** mil-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, propju fuq is-*central strip.* Hu qal li l-*foreman* is-Sur Mario Schembri mid-distrett tar-Robba, qed jikkordina dan ix-xogħol tal-kurduna fil-*by-pass.* Dwar id-diffikultajiet tal-*bus shelter* li se jinbidel minn wieħed antik, għal wieħed ġdid, li hu ikbar, se nassiguraw ruħna li d-distanza li se jibqa' fis-*service road* tkun adekwata biex l-istess membri tal-familja li toqgħod eżattament wara l-*bus shelter,* ma jkollhomx diffikultà biex idaħħlu l-vettura fil-*garage* tagħhom. Dwar is-siġar il-kbar, is-sindku semma l-*e-mail* li kien iċċirkula mal-kunsillieri fejn ingħatat l-approvazzjoni biex dawn jinqalgħu u jitħawwlu f'Ta' Kandja ħalli ma jibqgħux iħammġu bil-weraq li jaqa' minnhom. Dan il-ġest kien milqugħ mir-residenti kollha. L-istima kienet preżentata fi tmiem is-seduta fil-*purchase request form*. F'dan il-waqt intqal illi sal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, ix-xogħol se jkun mitmum, jiġifieri il-parti bejn Triq il-Barrieri u Triq l-Imterrqa, dejjem fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

4. Dwar il-problema tal-Familja Bondin fuq id-diffikultà li hemm fi Triq il-Fjuri bil-**linji s-sofor quddiem il-*garage***, is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-avukat tal-kunsill bagħat l-ittra lill-avukat tal-Familja Bondin bħala risposta.

5. Dwar il-kisi ta' toroq fil-lokalità tagħna, is-sindku informa lill-kunsillieri illi huwa infurmat illi d-Dipartiment tal-Kuntratti se jagħmel laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) għaliex dawn tal-aħħar, illum il-ġurnata ma jistgħux j*award*jaw *tender* huma. Dan hu meħtieġ biex toħroġ il-***letter of acceptance*** ħalli jkun jista' jibda x-xogħol. Dwar dan il-punt Charles Farrugia staqsa kjarifika, aktar tard fi tmiem is-seduta.

6. Għall-**korsijiet tal-kompjuter**, li se jkunu miżmuma mill-Kunsill Lokali Mqabba fl-Isptar il-Qadim, is-sindku qabbad lill-iskrivani jċemplu lil kull min kien interessat. Dwar dan se jkollna risposta fil-jiem li ġejjin.

7. Is-sindku informa lis-segretarju eżekuttiv illi issa hu propizju biex fuq l-**aġenda tas-seduta li jmiss** ikun diskuss l-involviment tal-każini tal-banda f'Jum l-Imqabba 2010, speċjalment fis-serata li fiha jingħata Ġieh l-Imqabba.

8. Dwar il-fuljett, il-ħarġa li jmiss **"Fuq l-Għatba tal-Kunsill",** għad fadal jidħlu l-artiklu tas-sindku u tal-viċi sindku filwaqt li s-segretarju eżekuttiv ġie mitlub jagħmel amendi u fl-istess

waqt il-Kunsillier Nicholas Briffa talab sentenza oħra b'żieda mal-artiklu li kien diġà pprovda, kif ukoll li jinbidillu r-ritratt tal-*portrait.*

9. Dwar l-attività li nżammet mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V nhar il-Ħadd, 16 ta' Mejju, 2010, Grace Marie Mallia pproponiet li meta jkun se jintuża l-**Isptar il-Qadim,** il-KLM għandu jibgħat lill-*maid* biex tnaddaf. Is-segretarju eżekuttiv qal li hija ħaġa normali illi hekk kif titlaq il-*maid* jibqgħu neżlin il-weraq miż-żebbuġa l-kbira li hemm u t-travi jibqgħu ifarfru peress li dan huwa post antik. Dwar it-tindif tal-ġnien, il-KLM iddeċieda illi dan isir mill-ħaddiema tal-*IPSL* billi jinqata' l-ħaxix il-ħażin.

10. Il-proposta għall-involviment tal-KLM biex jorganizza **konferenza internazzjonali,** kienet skartata għaliex skond l-aħħar *e-mail* ta' Ms Maria Schembri mill-*MEUSAC*, din tapplika biss għall-għaqdiet mhux governattivi, filwaqt li l-għaqda proposta kienet dik tal-*Food Law Enforcers*, li hija għaqda governattiva.

11. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jattendu l-**kampanja pubbliċitarja** li se tkun inawgurata permezz tal-KLM bil-parteċipazzjoni tal-*Greenpak Malta Ltd* fl-Iskola Primarja Mqabba nhar l-10 ta' Ġunju, 2010. Din l-inizjattiva hija mmirata sabiex kemm il-ġenituri kif ukoll l-istudenti jsiru aktar konxji tal-ambjent u s-separazzjoni tal-iskart.

12. Biex titneħħa l-**qagħda tal-ilma** żgħira li hemm fi Sqaq il-Lanġasa, is-sindku qal li kull ma hemm bżonn hija toqba fl-art bi trapan biex dan jiskula fit-torba għaliex mhux ta' min jirrovina l-wiċċ tal-isqaq b'gandotti, diversi snin wara li kien asfaltat mil-KLM. Il-Kunsillier Paul Spiteri saħaq fuq l-importanza illi dan imbgħad ma jmurx fil-kantini tar-residenti jekk hemm min għandu dawn il-kantini fl-inħawi.

13. Dwar il-laqgħa **li kellna bi preparazzjoni għall-festa** mal-Ispettur tal-Pulizija, l-Gwardjani Lokali u rappreżentant ta' Transport Malta, is-sindku talab il-minuti lis-segretarju eżekuttiv, għaliex lilu talabhomlu s-Sur Charles D'Alfonso. Dan wieġbu li jinsabu għat-*typing* u hekk kif ikunu lesti jiċċirkulahom anke lill-kunsillieri, lill-Ispettur u lis-Sur Joe Borg tal-aġenzija tal-gwardjani lokali, *Sterling Security*.

14. F'dan il-waqt is-sindku qal li mhux kuntent bil-ħidma tal-impjegati klerikali (tal-uffiċċju). Hu qal li l-*out-mail* tiegħu mhux soltu li ddum ma titbattal ġimgħatejn u għalhekk ippropona li jagħmel laqgħa nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2010 fid-9:00am. Meta s-segretarju eżekuttiv kien mitlub jikkummenta dwar dan, hu qal li personalment ma jafx il-għala qed isir dan it-tnikkir fuq ix-xogħol. Xi kunsillieri waħħlu fil-volum ta' *e-mails* li ġejjin fuqna li ħafna drabi jkunu jridu risposta immedjata.

15. Matul il-ġimgħa li ġejja s-sindku qal li *Transport Malta* se jibagħtu **il-pjan tal-immaniġġjar tat-traffiku temporanju** għall-festa, peress li din is-sena se jkun hemm id-diffikultà illi Triq Valletta, Żurrieq se tkun magħluqa għat-traffiku minħabba xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir fiha, minnhom. Din it-triq kien joħroġ minnha t-traffiku kollu li kien jidħol l-Imqabba *via* Triq Ħal Kirkop. Għaldaqstant, ir-rotta alternattiva se tkun mit-toroq tal-villaġġ ta' Ħal Kirkop *via* Triq Dun Ġużepp Barbara u Triq Danny Cremona.

16. Is-sindku ppropona wkoll li l-ġimgħa d-dieħla it-Tlieta, 1, jew il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, għandha tkun organizzata laqgħa **mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju**. Dan se jkun possibbli hekk kif jagħtina konferma s-Sur Fernando Dingli. Is-sindku qal li f'din il-laqgħa għandha tkun appuntata l-persuna li se tkun responsabbli mill-*barriers* tal-pulizija li se jkunu mferrxa fiż-żona affettwata fid-devjazzjoni tat-trasport.

17. Għall-**attività tal-KLM fil-gżira Għawdxija**, is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsillieri illi hemm tmienja u tmenin persuna ibbukkjati. It-tluq se jsir fis-7:00am mill-Pjazza tal-Knisja u s-

sindku infurmana illi se jkun hemm il-logħob tat-tombla u se sseħħ żjara fil-lokalità taż-Żebbuġ fejn anke se jkollna x-xorti li nagħmlu żjara fil-knisja t'hemm. L-arranġamenti għal dan se jkunu magħmula mis-sindku taż-Żebbuġ. Għal din l-attività se jipparteċipaw is-sindku, Grace Marie Mallia, Valerie Galea u Mersia Mackay.

18. Noel Galea qal illi fis-7 ta' Ġunju, 2010, se sseħħ **żjara oħra fil-lokalità tagħna** minn Żebbuġin li huma wkoll ineressati li jorganizzaw quddiesa fil-Parroċċa tal-Imqabba.

19. Dwar is-sospenzjoni tal-programm ***Youth in Action,*** kif kulħadd jaf mill-*media*, is-segretarju eżekuttiv qal li aħna għadna uffiċjalment mhux infurmati jekk dan hux se jaffettwa kemm l-ammont ta' fondi li għad fadal jidħol dwar l-attività ta' Ottubru, 2009 u lanqas jekk hux se tkun rifjutata l-applikazzjoni tagħna għall-attività tal-2010. Intant is-sindku qal li Ms Maria Schembri mill-*MEUSAC* għandha tgħaddilna *draft* tal-applikazzjoni msemmija.

20. Dwar il-proposta ***summer school*** li be ħsiebu jorganizza l-KLM matul is-sajf li ġej, is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jekk hemm xi għalliema interessati, dawn għandhom jitfgħu l-istima tagħhom. L-għażla għandha tkun f'idejn il-KLM.

21. Għar-**rapport ta' *squatter*** li daħal fil-latrina pubblika fi Ġnien Tfal ir-Raħal, intqal illi l-ħaddiema tal-*IPSL* kienu ordnati jimblukkaw l-aċċess li jirriżulta li seħħ mix-*shaft*. Dan infatti kien inbarrat bi gradilja tal-ħadid, filwaqt li s-segretarju eżekuttiv talab formalment lill-Ispettur jinvestiga peress li nstabu xi skieken. Is-sindku qal li l-ħġieġa l-ħoxna li hija parti mill-istruttura tal-latrina kienet imkissra minn ġewwa għal barra u mhux kif normalment iseħħ f'att vandalu. Għal rapporti li kien hemm is-Sibt li għadda, is-sindku qal li qabad xi tfal fuq il-bejt tal-latrina u jaf fejn joqgħod wieħed minnhom. Dawn innegaw li kienu huma li daħlulna.

22. Dwar il-**permessi tal-kabbani,** il-KLM mhux se jaċċetta lil min ibiegħ l-ikel fi Triq id-Disgħa ta' April. Dan għaliex dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għall-ġirien ta' din it-triq. Is-sindku qal li din il-kundizzjoni kienet addottata is-sena l-oħra wkoll. Il-KLM se jirriżerva posta liż-żewġ każini tal-banda, tal-politika kif ukoll lill-*Football Nursery*. Is-sindku qabbad lis-segretarju eżekuttiv jitlob is-servizzi tal-*mobile toilets,* ambulanza u sabiex isir bukkett fjuri quddiem l-istatwa fil-knisja mingħand is-Sur Aldo Ritchie.

23. Għall-**permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet**, is-sindku qal li għandha tinkiteb ittra lis-sidien tal-*Pineapple Bar* u r-*Remissa Bar* biex ninfurmawhom sabiex jiġu japplikaw għal permess temporanju. Hawn intqal illi fil-ħin tal-marċi /purċissjoni /programm strumentali (tat-Tlieta u tas-Sibt), dawn it-talin nissuġerulhom jarmaw l-imwejjed barra wara l-ħin tal-programm mużikali kif xtaqu l-każin, minkejja li skond il-*wording* tal-permess li hu stipulat fl-avviż legali, dan jista' jarma għal ġurnata sħiħa.

24. Dwar l-**għeluq tat-toroq** madwar il-pjazza bi preprarzzjoni għall-festa, issemma li s-sena li għaddiet it-toroq ingħalqu mill-Ġimgħa filgħodu (l-aħħar tridu), u dan ovvjament ikkaġuna aktar inkonvenjent speċjalment lir-residenti peress li l-ftehim kien, li dawn jingħalqu wara nofs in-nhar. Intant fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss se jsir avviż biex ix-xufiera residenti jġorru magħhom il-karta tal-identità biex nhar u lejlet il-festa jkunu jistgħu jaċċessaw xi toroq li se jkunu magħluqa bil-gwardjani lokali wara l-5.00pm.

25. Il-KLM se jagħmel *drink* **għall-organizzaturi tal-festa**, fl-uffiċċju tas-sindku. Dan se jsir meta jkun l-aktar konvenjenti għalihom, liema ġurnata se tkun proponuta minnhom meta se tinżamm din il-laqgħa il-ġimgħa d-dieħla. Dak in-nhar tal-festa l-KLM se joffri wkoll *drink* lill-bandisti bħas-soltu.

26. Kien approvat ir-**rapport finanzjarju Apr-Diċ 2009**. Nicholas Briffa qal li dan għandu nieqes l-*istatement of affairs*. Ir-rapport se jkun mibgħut lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fil-ħin li stipulaw huma stess.

27. Għall-attività bl-isem ***Science in the Community***, l-organizzaturi saħqu ħafna biex ma jkun hemm xejn reliġjuż fiha, ħalli ma nirfsu l-kallu ta' ħadd. Dan għaliex bl-involviment tal-każini tal-banda jkun hemm it-tendenza li dak li jkun, jesebixxi xi ritratt, *movie* tal-qaddis, fil-każ tagħna, tal-Madonna.

28. Osservanza oħra kienet biex jiġi miżbugħ il-**bank ta' fejn il-*MUSEUM*** tal-bniet. Dan se jsir mill-ħaddiema tal-*IPSL*.

29. Il-viċi sindku qal li se jipprovdi ***aerial photo* tal-Imqabba** biex dan ikun jista' jiġi utilizzat mill-kunsill fil-futur.

30. Dwar il-pjanċa li se titpoġġa fuq il-**ħaġra l-kbira** li se tkun qed tfakkar lil dawk li ħadu **Ġieħ l-Imqabba**, is-sindku kien mitlub jipproċedi, mil-kunsillieri, biex din teħel kif suppost.

31. Issemmiet il-**manutenzjoni estensiva** li saret fir-raħal minn kuntrattur ta' *Transport Malta*. Il-KLM huwa grat lejn l-awtorità għaliex din sewwiet partijiet sostanzjali ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

32. Il-KLM irnexxielu jikkwalifika biex jibbenefika minn fondi nazzjonali dwar il-proġett propost għal-lokalitaijiet żgħar. Is-sindku qal illi l-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata, u x-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-*IPSL*. Din il-proposta kienet imressqa mis-segretarju eżekuttiv biex isir ***upgrading* fil-Ġnien tal-Ġibjun.**

33. Jidher li l-proposta biex jitwaħħal il-***Wi-Fi*** fl-Isptar il-Qadim ma kienetx aċċettata mill-gvern ċentrali minkejja li xorta jrid isir dan sabiex jinżammu l-korsijiet tal-kompjuter. Madankollu dan se jkun installat **fi Ġnien Tfal ir-Raħal** bis-sindku jipproponi li jeħel mal-kjosk.

34. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi *Transport Malta* se jagħmlu wkoll diversi affarijiet fi **Triq tas-Sejba**, fosthom barikati, *road marking* u xi *cats' eyes.* Ta' min isemmi kif it-traffiku żdied ħafna f'din it-triq peress li issa ż-Żurrieq hu affettwat mill-istess kostruzzjoni ta' Triq Valletta.

35. Is-sindku qal li se jitwaħħlu żewġ **lampi ġodda fi Triq Ħal Kirkop** fejn iċ-Ċimiterju u oħra **Triq San Mikiel** kantuniera ma' Triq id-9 ta' April, 1942.

36. Il-laqgħa ntemmet fid-20:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*08 /06 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |